



Dokument ta' sessjoni

A9-0168/2024

9.4.2024

RAPPORT

dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Anna Júlia Donáth
(2024/2002(IMM))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Gilles Lebreton

WERREJ

Paġna

| | |
|---|---|
| PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW | 3 |
| ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM..... | 6 |
| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI | 7 |

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Anna Júlia Donáth (2024/2002(IMM))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Anna Júlia Donáth mressqa fid-19 ta' Diċembru 2023 mill-Prosekutur Ġenerali tal-Ungerija fil-kawża kriminali Nru 2.Nyom.397/2022, pendenti quddiem l-Uffiċċju tal-Prosekutur Reġjonali ta' Budapest inkarigat mill-Investigazzjoni, għal vjolenza f'laqgħat kontra persuni li għandhom awtorità pubblika u b'rabta mal-proċedimenti kriminali li biħsiebu jressaq kontra Anna Júlia Donáth għall-allegat ksur tal-Artikolu 310(1)(a) tal-Liġi Ungeriża C tal-2012 dwar il-Kodiċi Kriminali Ungeriż, u mħabbra fis-seduta plenarja fil-15 ta' Jannar 2024,
 - wara li sema' lil Anna Júlia Donáth, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 4(2) tal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, l-Artikoli 10(2) u 12(1) tal-Att LVII tal-2004 dwar l-Istatus tal-Membri tal-Parlament Ewropew Ungeriżi u l-Artikolu 74(1) u (3) tal-Att XXXVI tal-2012 dwar l-Assemblea Nazzjonali tal-Ungerija,
 - wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011, fis-17 ta' Jannar 2013 u fid-19 ta' Diċembru 2019¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2), l-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0168/2024),
- A. billi fid-19 ta' Diċembru 2023, il-Prosekutur Ġenerali tal-Ungerija ppreżenta talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Anna Júlia Donáth, Membru tal-Parlament Ewropew elett għall-Ungerija, b'rabta mal-proċedimenti kriminali li l-Uffiċċju tal-Prosekutur Reġjonali ta' Budapest biħsiebu jibda kontra Anna Júlia Donáth għall-allegat ksur tal-Artikolu 310(1)(a) tal-liġi Ungeriża C tal-2012 dwar il-Kodiċi Kriminali Ungeriż għal atti li seħħew fl-21 ta' Frar 2022, matul tfittxija fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali

¹ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, *Marra vs De Gregorio u Clemente*, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, *Patriciello*, C-163/10, ECLI: EU:C:2011:543; is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2019, *Junqueras Vies*, C-502/19, ECLI:EU:C:2019:1115.

oħra li jikkonċernaw persuna terza;

- B. billi fl-21 ta' Frar 2022, waqt tfittxija fil-bini li jappartjeni għal persunaġġ reliġjuż Ungeriż magħruf sewwa, fil-kuntest ta' proċedimenti kriminali wara allegat reat ta' frodi baġitarja allegatament imwettaq minn dak il-persunaġġ, Anna Júlia Donáth, flimkien ma' tliet Membri Parlamentari mill-Parlament Nazzjonali Ungeriż u oħrajn, żaret il-postijiet fejn kienet qed issir il-perkwizzjoni; billi, skont it-talba għat-tneħħija tal-immunità, seħħ argument mal-brigata finanzjarja, li hija inkarigata mill-protezzjoni tal-postijiet fejn kienet qed issir it-tfittxija; billi dawk preżenti fil-folla li ħadu sehem f'din l-azzjoni, fosthom Anna Júlia Donáth u tliet Membri Parlamentari mill-Parlament Nazzjonali Ungeriż, apparentement waqfu biss meta uffiċjali tal-pulizija, li kienu ntalbu jostakolaw it-tfittxija, waslu fuq il-post;
- C. billi Anna Júlia Donáth ġiet eletta fil-Parlament Ewropew fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2019;
- D. billi, skont l-Artikolu 310(1)(a) tal-liġi Ungeriża C tal-2012 dwar il-Kodiċi Kriminali Ungeriż, kwalunkwe persuna li tipprevjeni bil-forza lil persuna li jkollha awtorità pubblika milli teżerċita l-funzjonijiet legali tagħha tkun qed twettaq reat; billi Anna Júlia Donáth ġiet intervistata bħala persuna suspettata matul l-investigazzjoni sussegwenti; billi nbdew proċedimenti kriminali kontriha;
- E. billi l-għan tal-immunità parlamentari huwa li tipproteġi lill-Parlament u lill-Membri tiegħu minn proċedimenti ġudizzjarji relatati ma' attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li huma inseparabbli minn dawn l-attivitajiet;
- F. billi, minn naħa, il-Parlament ma jistax jitqies bħala qorti u, min-naħa l-oħra, il-Membri ma jistax, fil-kuntest ta' proċedura għat-tneħħija tal-immunità, jitqies bħala "akkużat"²;
- G. billi l-allegat reat ma jikkostitwixxi opinjoni jew vot mitfugħ fl-eżerċizzju tad-dmirijiet ta' Anna Júlia Donáth bħala Membru tal-Parlament Ewropew skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;
- H. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri tal-Parlament Ewropew igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament ta' dak l-Istat;
- I. billi skont l-Artikolu 4(2) tal-liġi fundamentali tal-Ungerija, il-membri tal-Parlament Ungeriż għandhom ikunu intitolati għall-immunità; billi, skont l-Artikolu 10(2) tal-Att LVII tal-2004 dwar l-Istatus Legali tal-Membri tal-Parlament Ewropew tal-Ungerija, il-Membri tal-Parlament Ewropew huma intitolati jgawdu l-istess immunità bħall-membri tal-Assemblea Nazzjonali Ungeriża, u billi skont l-Artikolu 12(1) tal-istess att, id-deċiżjoni li tiġi sospiża l-immunità ta' Membru tal-Parlament Ewropew għandha taqa' fil-kompetenza tal-Parlament Ewropew; billi, skont l-Artikolu 74(1) tal-Att XXXVI tal-2012 dwar l-Assemblea Nazzjonali, proċedimenti kriminali jew, fil-każ ta' rifjut li titneħħa l-immunità b'mod volontarju fil-każ inkwistjoni, ma jistgħux jinbdew jew jiġu segwiti proċedimenti kriminali, u Membru tal-Parlament ma jistax ikun soġġett għal miżuri kriminali vinkolanti mingħajr il-kunsens minn qabel tal-Assemblea Nazzjonali;

² Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 2019, *Briois vs il-Parlament*, T-214/18, ECLI:EU:T:2019:266.

- J. billi jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-QĠUE li l-Parlament jiddisponi minn “setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-orjentazzjoni li għandu intenzjoni jagħti lid-deċiżjoni fir-rigward ta’ talba għat-tneħħija tal-immunità [...] minħabba n-natura politika li għandha tali deċiżjoni”³;
- K. billi l-persunaġġ reliġjuż Ungeriż fil-mira tal-perkwizzjoni huwa meqjus bħala avversarju tal-gvern Ungeriż attwali; billi fid-dibattiti fi ħdan il-grupp politiku tagħha fil-Parlament Ewropew, Anna Júlia Donáth intervjeniet ripetutament b’appoġġ għal dan il-persunaġġ fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni; billi Anna Júlia Donáth tipparteċipa fil-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew, li jiddelibera regolarment dwar il-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw l-istat tad-dritt, inkluż fl-Ungerija; billi regolarment titkellem kontra l-awtoritajiet politiċi ta’ pajjiżha;
- L. billi l-allegat reat attribwit lil Anna Júlia Donáth allegatament twettaq fl-21 ta’ Frar 2022, filwaqt li t-talba għat-tneħħija tal-immunità hija datata biss fid-19 ta’ Diċembru 2023; billi t-talba għalhekk saret biss kważi sentejn wara l-avvenimenti u fit-tnejn għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2024; billi jidher li tnejn biss mill-membri preżenti fil-bini u involuti fil-fatti allegati, inkluża Anna Júlia Donáth, kienu fil-mira ta’ proċedimenti nazzjonali; billi ż-żewġ membri inkwistjoni jidhru li huma kandidati għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2024 fl-Ungerija;
- M. billi l-koinċidenza ta’ dawn l-elementi konkreti toħloq dubbi serji dwar l-intenzjoni possibbli li tiġi mminata l-attività politika ta’ Anna Júlia Donáth, u b’mod partikolari l-attività tagħha bħala Membru tal-Parlament Ewropew;
- N. billi għalhekk jidher li dan huwa każ fejn wieħed jista’ jassumi l’eżistenza ta’ każ ta’ *fumus persecutionis*, jiġifieri “evidenza konkreta”⁴ li tindika li l-proċedimenti legali inkwistjoni nbdeu bl-intenzjoni li jimminaw l-attività politika tal-Membru kkonċernat mit-talba għat-tneħħija tal-immunità, u b’mod partikolari l-attività tagħha bħala Membru tal-Parlament Ewropew li ħarġet għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2024 bħala l-kandidat ewlieni għall-partit politiku tagħha;
1. Jiddeċiedi li ma jneħħix l-immunità ta’ Anna Júlia Donáth;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tal-Ungerija u lil Anna Júlia Donáth.

³ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta’ Jannar 2013, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23, il-punt 59 u l-ġurisprudenza ċittata.

⁴ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta’ Settembru 2020, *Troszczyński vs Il-Parlament*, C-12/19, ECLI:EU:C:2020:725, il-punt 26.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f' dan l-Anness f' konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni | 8.4.2024 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 15 -: 0 0: 0 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Gunnar Beck, Ibán García Del Blanco, Virginie Joron, Sergey Lagodinsky, Gilles Lebreton, Maria-Manuel Leitão-Marques, Karen Melchior, Sabrina Pignedoli, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann, Javier Zarzalejos |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Guy Lavocat, Antonius Manders, Nacho Sánchez Amor |